**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 12 ta` April 2016**

**Kawza Nru. 5**
**Rik. Gur. Nru. 343/13 JZM**

**Corinthia Construction (Overseas) Limited (C-202421)**

***kontra***

**Christopher Rizzo (ID 573455M) u l-mara tieghu, Elaine Rizzo ghal kull interess li jista` jkollha**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat li kien ipprezentat fl-10 ta` April 2013 **quddiem din il-Qorti diversament presjeduta** li jaqra hekk :–

*1. Illi l-intimat Christopher Rizzo gie mpjegat mas-socjeta` esponenti bhala Operations Director b`effett mill-ewwel (1) ta` Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002) permezz ta` kuntratt ta` impjieg datat sbatax (17) ta` Gunju tas-sena elfejn u tnejn (2002) ;*

*2. Illi matul il-kors tal-impjieg tieghu mas-socjeta` esponenti, l-intimat Christopher Rizzo beda jokkupa l-kariga ta` General Manager mal-istess socjeta` ;*

*3. Illi matul l-ahhar xhur tal-impjieg tieghu, is-socjeta` esponenti wara illi ghamlet analizi dettaljata tal-operat tal-istess socjeta` u t-tmexxija taghha da parti tal-intimat Christopher Rizzo, irrizulta illi l-imsemmi intimat ma kienx qieghed jaqdi d-doveri tieghu bil-prudenza, diligenza u attenzjoni ta` bonus paterfamilias kif mistenni minn persuna mpjegata fil-kariga tieghu ;*

*4. Illi kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta` din il-kawza, l-intimat Christopher Rizzo, fl-ezercizzju tad-doveri tieghu bhala General Manager kien hati ta` traskuragni, imperizja, negligenza u mismanagement grossolana b`rizultat illi huwa halla s-socjeta` esponenti taqa` fi stat ta` abbandun u fallimentari. Dan wassal sabiex is-socjeta` esponenti ttermina l-impjieg tal-intimat Christopher Rizzo b`effett mis-sittax (16) ta` Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) ;*

*5. Illi b`rizultat ta` dan l-agir da parti tal-intimat Christopher Rizzo, is-socjeta` esponenti soffriet danni konsiderevoli illi ghalihom l-intimat huwa unikament responsabbli ;*

*6. Illi d-danni sofferti mis-socjeta` esponenti jinkludu fost ohrajn is-segwenti :-*

*i) Illi l-intimat Christopher Rizzo naqas milli jimplimenta mizuri u/ jew jiehu azzjoni sabiex jindirizza dawk in-nuqqasijiet persistentement rilevati mill-awdituri in konnessjoni ma` nuqqas ta` kontrolli u monitoragg ta` sistemi diversi fix-xiri, hazna u dispatch ta` materjali, produzzjoni ta` concrete u prodotti ohra relatati, b`rizultat illi s-socjeta` esponenti sofriet telf sostanzjali ta` cement u materjal iehor ;*

*ii) Illi fil-produzzjoni ta` tip ta` ready-mix concrete partikolari maghruf bhala C25, li huwa l-iktar tip ta` concrete illi s-socjeta` esponenti kienet tbiegh, kien jntuza kwantitajiet ta` cement fil-mix design tat-tip ta` concrete relattiv, ferm akbar minn dak effettivament mehtieg bir-rizultat illi minkejja li dan it-tip ta` concrete kien l-aktar li jinbiegh dan kien fl-istess hin l-inqas tip ta` concrete li kien ihalli introjtu ghas-socjeta` esponenti ;*

*iii) Illi s-socjeta` esponenti spiccat kellha taghmel investiment konsiderevoli u tiddedika ammont sostanzjali ta` hin ta` rizorsi umani tas-socjeta` esponenti sabiex issewwi l-apparat, vetturi u makkinarju taghha, kif ukoll biex taghmel xoghol ta` tiswija fil-batching plant u dan wara li dawn*

*thallew fi stat ta` degradazzjoni u abbandun b`kawza ta` nuqqas ta` manutenzjoni ordinarja u preventiva ;*

*iv) Illi l-intimat Christopher Rizzo awtorizza u hallas minn fondi tas-socjeta` esponenti, minghajr l-approvazzjoni tal-Bord tad-Diretturi kif kien mehtieg, bonuses, allowances u zidiet fil-pagi lill-haddiema minkejja illi l-imsemmija haddiema ma kinux intitolati ghall-istess ;*

*v) Illi l-intimat Christopher Rizzo hallas minn fondi tas-socjeta` esponenti living allowances, air fares u beneficcji ohra ghalih u ghal beneficcju personali tieghu, liema hlasijiet ma kinux maqbula ma u/ jew awtorizzati mis-socjeta` esponenti ;*

*vi) Illi l-intimat Christopher Rizzo hallas minn fondi tas-socjeta` esponenti salarju u allowances ghall-persuna li kienet qieghda tahdem fir-residenza personali tal-intimat u dan minghajr l-awtorizzazzjoni tas-socjeta` esponenti. Fost dawn l-ispejjez kien hemm ukoll spejjez relatati ma` hrug ta` Visas ghall-imsemmija persuna u familjari ohra taghha ;*

*7. Illi nterpellat sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u ghall-eventwali hlas ta` danni sofferti mis-socjeta` esponenti, l-intimat Christopher Rizzo, baqa` inadempjenti ;*

*8. Illi l-intimata Elaine Rizzo qieghda tigi mharrka f`dawn il-proceduri ghal kull interess li jista` jkollha naxxenti mill-komunita` ta` akkwisti talvolta ezistenti bejnha u bejn l-intimat Christopher Rizzo*

*Ghaldaqstant, in vista ta` dak kollu hawn fuq premess, is-socjeta` rikorrenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti :-*

*1. Tiddikjara illi l-intimat Christopher Rizzo huwa responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta` esponenti b`rizultat ta` traskuragni, imperizja, negligenza u mismanagement grossolana fil-qadi tad-doveri tal-istess intimat Christopher Rizzo bhala General Manager tas-socjeta` esponenti ;*

*2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` esponenti b`rizultat tal-imsemmija traskuragni, imperizja, negligenza u mismanagement grossolana fil-qadi tad-doveri tal-intimat Christopher Rizzo bhala General Manager tas-socjeta` esponenti ;*

*3. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lis-socjeta` esponenti d-danni hekk likwidati mill-imsemmija Onorabbli Qorti ai termini tat-talba precedenti.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali 3839/2012 ipprezentata nhar is-27 ta` Novembru 2012 oltre l-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati minn issa ngunti biex jidhru in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta` rikorrenti fir-rikors.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezentat is-socjeta` attrici fil-11 ta` Novembru 2013.

Rat ir-risposta guramentata li pprezentaw il-konvenuti fil-15 ta` Novembru 2013 u taqra hekk :–

*1.* ***Fl-ewwel lok****, in linea preliminari, ai termini tal-Art. 741(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta, din l-Onorabbli Qorti m`ghandiex il-kompetenza mehtiega sabiex tiddirimi l-azzjoni odjerna. Inoltre, minghajr pregudizzju ghall-premess, din l-Onorabbli Qorti lanqas ma tista` tisma` u tiddeciedi l-azzjoni odjerna stante illi ai termini tal-Art. 742 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta, ma hijiex vestita bil-gurisdizzjoni mehtiega. Fid-dawl ta` dan, l-azzjoni odjerna hija wahda vessatorja, oppressiva u ngusta fil-konfront tal-konvenuti.*

*2.* ***Fit-tieni lok****, ukoll in linea preliminari, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenuta Elaine Rizzo ghandha tigi liberata mill-osservanza ta` dan il-gudizzju ; mhux biss il-konvenuta Elaine Rizzo ma kellha ebda involviment fl-allegati cirkostanzi illi wasslu ghall-proceduri odjerni izda wkoll iz-zwieg tal-konjugi Rizzo huwa, ai termini ta` att pubbliku datat 19 ta` Gunju 2012 in atti tan-Nutar Dottor Anne Marie Tonna, regolat mir-regim tal-firda tal-assi.*

*3.* ***Fit-tielet lok****, fil-mertu, l-istanti ma huwiex responsabbli ghall-allegati danni subiti mill-attrici; dan dejjem jekk tali allegati danni jezistu. Il-konvenut Christopher Rizzo dejjem filfatt qeda l-mansjonijiet tal-impjieg tieghu bl-akbar prudenza, diligenza, hsieb u hila, fatt dan illi tul is-snin gie sahansitra rikonoxxjut mis-socjeta` attrici.*

*4.* ***Fir-raba` lok****, fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, s-socjeta` attrici tehtieg tipprova l-allegati danni minnha subiti.*

*5.* ***Fil-hames lok****, fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjeta` attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi, u jekk ikun il-kaz.*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici u b`riserva ta` kwalunkwe azzjoni spettanti lill-konvenuti kontra l-istess.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti, il-lista tax-xhieda ndikati minnhom u l-elenku ta` dokumenti li kienu prezentati mar-risposta guramentata.

**Rat l-ordni tal-Onor. Prim` Imhallef fejn b`effett mis-16 ta` Jannar 2014 din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.**

**Rat id-digriet li tat fl-udjenza tat-13 ta` Marzu 2014 fejn il-partijiet kienu diretti sabiex iressqu provi dwar l-ewwel eccezzjoni.**

Semghet ix-xiehda tal-konvenut fl-udjenza tal-15 ta` Mejju 2014 u rat id-dokumenti li pprezenta fl-istess udjenza.

Semghet ix-xiehda ta` Alfred Pisan u ta` Gerald Borg fl-udjenza tal-15 ta` Settembru 2014, u rat id-dokumenti li kienu pprezentati mill-ewwel xhud fl-istess udjenza.

Semghet ix-xiehda ta` Joseph Fenech, tal-konvenut u ta` Simon Naudi fl-udjenza tas-17 ta` Novembru 2014 u rat id-dokumenti li pprezenta l-konvenut.

Semghet ix-xiehda ta` Joseph Galea u Saviour Theuma fl-udjenza tat-3 ta` Frar 2015 u rat id-dokumenti li kienu pprezentati waqt l-istess udjenza.

Kompliet tisma` x-xiehda ta` Joseph Galea fl-udjenza tat-28 ta` April 2015.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet li pprezentaw il-partijiet dwar l-ewwel eccezzjoni.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar li ghamlu d-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-12 ta` Novembru 2015.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Provi

**Il-konvenut** xehed illi kien impjegat tas-socjeta` attrici minn Lulju 2002 sa Ottubru 2012. Originarjament kien impjegat bhala *operations director* biex jahdem fil-Libja imma fl-2004, huwa sar *general manager* ta` l-operazzjoni fil-Libja sakemm fl-2006 kien appuntat bhala membru tal-bord tad-diretturi tal-kumpannija principali. Bejn l-2006 u l-2010, huwa kien il-*project manager* tal-progett *Palm City Residencies* fil-Libja. F`Ottubru 2012, l-impjieg tieghu kien terminat. Qal illi Alfred Pisani li huwa mizzewweg lil ohtu huwa c-*Chairman* tal-Corinthia Group.

Stqarr illi huwa kien iffirma kuntratt ta` impjieg gewwa Malta qabel beda jahdem f`Lulju 2002. Sussegwentement sar kuntratt ta` impjieg iehor li kien iffirmat fil-Libja u li huwa regolat bil-ligijiet tal-Libja. Qal li skont il-ligi tal-Libja, huwa mehtieg li jsir kuntratt tax-xoghol fil-Libja ghal stop ta` taxxa. Fuq iz-zewg kuntratti ta` impjieg dehru l-istess persuni. L-ewwel li sar kien il-kuntratt ta` impjieg li kien iffirmat Malta.

Qal illi l-kumpannija attrici toffri servizzi ta` kostruzzjoni fi progetti u tforni *mixed concrete* fil-Libja. Il-kumpannija hija registrata Malta imma ghandha *branch office* li hija registrata fil-Libja taht il-ligijiet tal-kummerc tal-Libja. Ghandha wkoll *operating licence* sabiex topera fil-Libja li trid tiggedded kull sentejn jew tlieta.

Fisser illi huwa kien jahdem *full time* fil-Libja. Huwa jghix ukoll fil-Libja u ilu sa mill-2002. Kulma kien johrog mil-Libja huwa ghal mhux aktar minn erbghin (40) gurnata ghall-*annual vacation*. Qal illi fil-gwerra civili ta` bejn Frar 2011 u Settembru 2011, huwa telaq mil-Libja ; kien imur bejn Mejju u Settembru darba fix-xahar ghal gimgha sabiex jivverifika x`kien qed jigri fuq is-sit.

Xehed illi minn mindu tkecca mill-impieg ma kienx qed jahdem. Qal illi huwa mizzewweg u ghandu zewg bniet u tifel. Martu tghix Malta, bintu tan-nofs

ukoll, it-tifel huwa mizzewweg u jghix fl-Ingilterra, waqt li bintu z-zghira tghix l-Ingilterra fejn qeghda tistudja. Qal illi m`ghandu l-ebda intenzjoni jirriloka Malta.

Qal illi fl-2009 huwa kien talab lil Gerald Borg biex jaghtih aktar minn erbghin (40) jum *vacation leave* peress li kellu bzonn ikun Malta ghal ragunijiet personali. It-talba tieghu kienet accettata nformalment izda huwa xorta baqa` ma hax *leave* addizzjonali ghaliex kien impenjat bil-progett ta` *Palm City*. Kien hemm ukoll problema li kienet tirrigwarda *Schengen Passport holders* u ghalhekk, jekk johrog mil-Libja, seta` ma jkunx awtorizzat jidhol lura. Fl-2009, Alfred Pisani offrielu l-posizzjoni ta` *Chief Executive Officer* ma` kumpannija ohra ta` l-*Corinthia Group of Companies*, izda huwa rrifjuta l-offerta peress li x-xoghol kien jirrikjedi li jahdem minn Malta u huwa ma riedx jahdem Malta, izda ried ikompli jahdem il-Libja. Alfred Pisani kien tant persistenti li sa anke baghat persuna l-Libja sabiex dan jiddetta l-ittra tal-ingagg ta` persuna ohra ghal dan ix-xoghol f`Malta u staqsih kemm-il darba jekk kienx lest li jiehu l-offerta peress li jekk jigi nkarigat persuna, imbaghad ikun tard wisq. Huwa kien mitlub jibghat b`*email* din l-ittra lil Simon Naudi.

Spjega illi huwa beda proceduri legali kontra s-socjeta` attrici fil-Libja dwar it-terminazzjoni ta` l-impjieg tieghu u dwar il-kuntratt ta` impjieg li sar fil-Libja. Inoltre beda proceduri legali go Malta ghal *unfair dismissal.*

Pprezenta kopja tal-kuntratt ta` impjieg tieghu li kien iffirmat Malta fis-17 ta` Gunju 2002, kif ukoll kopja tal-kuntratt ta` impjieg li kien iffirmat fil-Libja, li huwa miktub bl-Gharbi flimkien ma` traduzzjoni ta` l-istess kuntratt. It-traduzzjoni saret minn ufficcju legali.

Ipprezenta kopja tac-citazzjoni tal-kawza li saret fil-Libja kif ukoll estratt mir-rapport tal-*financial statements* tal-kumpannija attrici ghas-sena li ghalqet fil-31 ta` Dicembru 2009. Qal illi fid-dokument hemm imnizzel illi l-attivita` principali tal-kumpannija hija *"to carry on the business of construction management, project management and ancillary services in respect of construction and refurbishment work on sites outside Malta."* Huwa jidher fil-lista tad-diretturi.

Ipprezenta wkoll kopja ta` l-kuntratt ta` separazzjoni ta` l-beni li sar mal-mara tieghu fit-12 ta` Marzu 2012. Dan ir-regim matrimonjali ghadu hekk sal-lum.

Ipprezenta dokumenti li kienu jinzammu bhala *record* tal-*leave* mehud fis-sena mill-impjegati tas-socjeta` attrici. Skont id-dokumenti jidher li huwa ha erbghin (40) jum *leave* hekk kif kien intitolat.

**Alfred Pisani** – Chairman tal-Corinthia Group – xehed illi s-socjeta` attrici kienet tipprovdi *support* ghal progetti ta` kostruzzjoni tal-Corinthia Group kif ukoll kienet taghmel xoghol ta` *project management* ghal terzi. Is-socjeta` attrici hija kumpannija Maltija li topera kemm Malta u kif ukoll barra, inkluz fil-Libja. Il-bicca l-kbira tax-xoghol tas-socjeta` attrici fi zmien ricenti kien il-progett ta` *Palm City* fil-Libja. Sabiex is-socjeta` attrici setghet tahdem fil-Libja kellha tikkonforma ruhha mal-ligijiet ta` l-Libja.

Stqarr illi l-konvenut kien jahdem il-Libja meta beda l-progett ta` *Palm City*. Kien ukoll jahdem fil-Libja. Il-konvenut kien esprima mieghu x-xewqa li jigi jahdem Malta. Huwa offrielu li jahdem bhala *Chief Executive Officer* mal-*Quality Project Management (QPM).* Il-konvenut ma kienx accetta l-offerta ; l-inkariku offrut kien jirrikjedi li jsir minn Malta.

Ix-xhud ikkonferma li kien hemm pendenza gudizzjarja fil-Libja kontra s-socjeta` attrici.

Sostna li ma kien hemm qatt *unfair dismissal* tal-konvenut billi rrizultat sitwazzjoni fejn il-kumpannija attrici ma kinitx kuntenta bix-xoghol, wara rapporti mill-awdituri u persuni ohra.

Xehed illi l-konvenut kien offrut il-posizzjoni ta` *Assistant Chief Executive Officer* peress li l-karika ta` CEO kienet ser tinghata lil haddiehor.

Insista li l-konvenut kien offrut dik il-kariga billi kien jigi hu l-mara tieghu.

Qal illi fil-verita` l-kumpannija kienet sejra lura hafna peress li kien hemm abbandun qawwi fis-sit ta` ingenji u ta` xoghol.

Sostna li l-pozizzjoni offruta lill-konvenut kienet li l-*base rate* kienet inqas izda jekk il-kumpannija taghmel tajjeb, il-konvenut kien jispicca jaqla` izjed peress li kellu ncentiva fuq il-profitti.

Fil-**kontroezami**, Alfred Pisani spjega li l-konvenut kien talbu kemm-il darba sabiex jigi jahdem Malta. Il-konvenut kien talab aktar *leave* ghax ried jghaddi izjed zmien mal-mara. Wara l-2012, huwa ra lill-konvenut kemm-il darba Malta. Rizzo dejjem talbu aktar *leave* biex jigi Malta mhux biex imur pajjizi ohra.

**Gerald Borg** xehed illi fl-2002 huwa kien *managing director* tal-kumpannija attrici. Baqa` nvolut sal-2011. Qal illi s-socjeta` attrici hija kumpannija Maltija bi *branch* fil-Libja ; topera go diversi pajjizi peress li tiehu kuntratti kemm tal-Corinthia Group u kif ukoll ta` azjendi ohra f`diversi pajjizi.

Stqarr illi l-uniku pajjiz fejn il-kumpannija ghandha *branch* hija fil-Libja.

Qal illi l-konvenut kellu kuntratt ta` impjieg mas-socjeta` attrici li sar Malta.

Billi l-konvenut kien ser ikun impenjat il-Libja sar kuntratt iehor sabiex ikun hemm konformita` mal-lihijiet Libjani.

Qal illi l-kuntratt tal-Libja sar sabiex tkun sodisfatta l-legislazzjoni fiskali Libjana.

Ix-xhud insista li l-konvenut dejjem thallas skont il-kuntratt li ffirma Malta.

Kompla jghid illi l-kuntratt Malti sar qabel dak tal-Libja. Inoltre dak Libjan bl-ebda mod ma hassar dak Malti.

Fisser illi skont il-ligi ta` l-Libja, il-konvenut kellu jidher bhala *general Manager* u mhux *operations director* ; tal-ahhar kien it-titolu ndikat fil-kuntratt Malti.

Ikkonferma li fil-Libja kien hemm kawza pendenti naxxenti mill-kuntratt ta` mpjieg li kien iffirmat fil-Libja.

Ix-xhud stqarr illi l-konvenut kien jahdem fil-Libja. Pero` kien hemm zmien fejn il-konvenut kien interessat hafna li jigi jahdem Malta. Isostni li l-

konvenut kien jirraporta lilu ; kien qallu li ried aktar *leave* u li jrid jigi jahdem f`Malta.

**<u>Joseph Fenech</u>** – Direttur Manigerjali tal-Corinthia Group – xehed illi ghandu *overview* tal-kumpanniji li jaghmlu parti mill-*group* inkluza s-socjeta` attrici. Qabel inhatar Direttur Manigerjali aktar minn ghaxar snin ilu kellu l-kariga ta` Group Accountant. Qal illi s-socjeta` attrici hija kumpannija registrata Malta u li ghandha *branch* fil-Libja ghall-attivitajiet li kienet taghmel f`dak il-pajjiz. Il-*branch* mhijiex kumpannija distinta izda hija fergha tal-kumpannija Maltija. Il-*branch* kienet registrata fil-Libja. Din thallas taxxa fuq il-qliegh li taghmel fil-Libja u anke tissottometti *annual returns* fejn tiddikjara l-qliegh, l-assi u l-profitti taghha. Fit-*tax return* l-ispejjez li jigu fatturati huma l-ispejjez relatati ma` l-operat fil-Libja, kif ukoll il-pagi ta` l-impjegati Libjani li jahdmu gewwa l-Libja. Persuna li tigi mpjegata Malta, indipendentement hijiex Maltija jew barranija, tithallas minn Malta. Jekk ikun hemm kuntratt ta` impjieg konkluz gewwa l-Libja, u l-persuna tkun Maltija, dan mhuwiex mghoddi bhala spiza ghall-operat tal-*branch*. Il-*branch* tas-socjeta` attrici fil-Libja kienet taghmel xoghol ta` kostruzzjoni u ta` *concrete production* fil-Libja. In segwitu din l-attivita` ghaddiet ghal kollox ghand kumpannija ohra li hija registrata fil-Libja. Illum il-*branch* spiccat u x-xoghol taghha kien assorbit fil-kumpannija l-gdida li kienet kostitwita fil-Libja wara r-revoluzzjoni ta` l-2011.

**<u>Simon Naudi</u>** xehed illi huwa ghamel zmien l-Assistent tac-Chairman tal-Group u llum huwa Chief Executive Officer ta` IHI plc. Minn ricerka li ghamel, sab l-*email* datata 11 ta` Novembru 2008 li baghat il-konvenut. Dan l-*email* jidher li kien indirizzat lil persuna li wara nhatar Chief Executive Officer tas-socjeta` QPM Ltd.

**<u>Joseph Galea</u>** – Direttur Finanzjarju tal-Corinthia Group – xehed illi fl-2012 huwa ha f`idejh il-*processing* tal-*payroll* tas-socjeta` attrici. Ikkonferma li s-socjeta` attrici hija kumpannija registrata Malta bi *branch* fil-Libja. Ipprezenta s-*certificate of incorporation* u l-*Memorandum and Articles of Association* ta` l-kumpannija. Il-konvenut kien impjegat sas-16 ta` Ottubru 2012. Qal illi l-*pay roll* ta` l-impjegati Maltin li kienu jahdmu mas-socjeta` attrici jew mal-fergha taghha tal-Libja kien isir minn Malta billi ssir l-FS 5 ta` kull xahar, u l-FS 3 fl-ahhar tas-sena. Kienet issir ukoll l-FS 7 u s-salarju kien jghaddi b` *direct credit* mill-kont bankarju tal-Bank of Valletta. Il-hlas lill-konvenut kien isir go kont bankarju gewwa Malta, bin-nru 173 129 240 16. Stqarr illi meta persuna tigi mpjegata, tkun domandata f`liema kont irid li jitqieghed is-salarju u huma jimxu skont l-istruzzjonijiet li jaghtihom l-impjegat ; hekk sar fil-kaz tal-konvenut ukoll.

Spjega illi l-konvenut kellu kuntratt tax-xoghol mas-socjeta` attrici li sar Malta. Ghall-kuntratt tieghu, kienu jghoddu l-ligijiet Maltin. L-impieg tal-konvenut kien registrat mal-ETC. Ir-rata ta` taxxa kienet dik applikabbli ghal persuni li jahdmu minn Malta. Bhala kontribuzzjoni tas-sigurta` socjali, peress li kien hemm impjegati li kienu jahdmu barra minn Malta, kienu jinghataw l-opportunita` li jhallsu l-kontribuzzjoni ta` *self-employed* biex ma jkollhomx il-*break* fil-kontribuzzjoni taghhom tas-sigurta` socjali. Kien isir *topping up* tas-salarju biex ikopri s-*social security.* Il-hlas kien isir bil-munita Ewro. Ghar-rigward tal-*branch* tal-Libja, kulma jigi dikjarat huwa l-*income* u l-*expenses* li hemm fil-Libja. L-awtoritajiet Libjani kienu jidhlu biss fi kwistjonijiet ta` drittijiet ta` impjieg ta` impjegati Libjani. Qal illi kieku s-socjeta` attrici ma kellhiex *branch* fil-Libja, setghet topera ghal certu zmien izda mbaghad meta taqbez dak iz-zmien, trid tigi registrata billi jinholoq *permanent establishment* fil-pajjiz.

Stqarr illi fil-kaz tal-konvenut, il-*payslip* tieghu ta` kull xahar kienet tintbaghat fl-indirizz tieghu Malta. Il-konvenut kien jithallas minn Malta u l-paga tieghu kienet tigi rrapurtata ghal finijiet ta` taxxa u ta` sigurta` socjali gewwa Malta. Internament fil-kumpannija peress li l-operazzjoni fil-Libja kienet fergha tas-socjeta` attrici kien isir *reallocation* ta` l-ispejjez ghall-fini ta` kontabilita`. Billi l-konvenut kien jahdem fil-Libja, il-paga tieghu li kienet tithallas Malta kienet tigi *recharged* bhala *management fee* lil-Libja, izda kienet tibqa` fl-istess kumpannija. Kien isir *accounting* intern fil-kumpannija, u meta kienet issir it-*tax return* fil-Libja, is-salarju ta` l-konvenut kien jigi inkluz. Qal illi l-*branch* ma kinitx kumpannija separate mis-socjeta` attrici. Il-*branch* kienet thallas it-taxxa Libjana u anke bolla fuq kuntratti li jkunu registrati fil-Libja. Ghalkemm il-fergha tas-socjeta` attrici kienet ghadha tezisti, l-operat taghha beda jsir mis-socjeta` BCM li hija socjeta` gdida li kienet registrata fil-Libja fit-13 ta` Gunju 2013. Fil-fatt il-BCM hadet *over* il-*going concern.* Kien hemm self bankarju tal-APS Bank Limited li kien qed jithallas mis-socjeta` attrici. Fisser illi l-konvenut kien *posted* il-Libja bhala *expatriate* u billi kien hekk *posted* il-Libja, ried jigi registrat ma` l-awtoritajiet Libjani.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, Joseph Galea xehed illi l-*branch* fil-Libja kellha obbligi fiskali. Kellha wkoll certa awtonomija sabiex topera, izda meta jkun hemm il-bzonn, kienet tidhol is-socjeta` attrici direttament. Is-salarju tal-konvenut kien indikat fil-kontijiet tas-socjeta` attrici.

**<u>Saviour Theuma</u>** mid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali xehed illi l-kontribuzzjoni tas-sigurta` socjali tal-konvenut ghaz-zmien ta` bejn l-2002 u l-2012 kienet imhallsa. Kien hemm hlasijiet ta` *class 1* li jkopru l-*employed* u l-*class 2* li jkopru s-*self employed.* Wara l-2013 m`ghandux informazzjoni dwar hlasijiet ta` kontribuzzjonijiet.

## III. <u>Risultanzi</u>

Id-disposizzjonijiet li huma rilevanti ghall-konsiderazzjoni tal-ewwel eccezzjoni huma l-**<u>Art 741 u 742 tal-Kap 12</u>**.

In partikolari, l-**<u>Art 741(1)(a)</u>** jistabilixxi li l-*eccezzjoni tal-inkompetenza tal-qorti tista` tinghata … meta l-kawza ma tkunx ta` gurisdizzjoni tal-qrati ta` Malta.*

L-**<u>Art 742(1)</u>** ighid :-

*Bla hsara ta` fejn il-ligi tiddisponi espressament xort`ohra, il-Qrati Civili ta` Malta minghajr ebda distinzjoni jew privilegg, ghandhom gurisdizzjoni biex jisimghu u jiddeciedu l-kawzi kollha li jirrigwardaw il-persuni hawn taht imsemmija :*

*(a) cittadini ta` Malta, sakemm ma jkunux stabbilew id-domicilju taghhom band`ohra ;*

*(b) kull persuna, sakemm jew ghandha d-domicilju taghha jew tkun toqghod jew tkun qeghda Malta ;*

*(c) kull persuna, f`kawza dwar hwejjeg li qeghdin jew li jinsabu f`Malta*

*(d) kull persuna li tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f`Malta, izda ghall-kawzi biss li ghandhom x`jaqsmu ma` dik l-obbligazzjoni u kemm-il darba dik il-persuna tkun tinsab Malta ;*

*(e) kull persuna illi, ghalkemm tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f`pajjiz iehor, tkun ftehmet li ghandha tesegwixxi dik l-obbligazzjoni f`Malta, jew tkun ikkuntrattat obbligazzjoni illi bilfors ghandu jkollha effett f`Malta, kemm-il darba, f`kull kaz, dik il-persuna tkun tinsab Malta ;*

*(f) kull persuna, ghal kull obbligazzjoni li tkun ikkuntrattat favur cittadin ta` Malta jew persuna li tinsab Malta jew korp li jkollu personalità guridika distinta jew assocjazzjoni ta` persuni inkorporati jew li jiffunzjonaw f`Malta, meta s-sentenza tista` tkun esegwita f`Malta ;*

*(g) kull persuna li tkun b`mod espress jew tacitu volontarjament qaghdet jew qablet li toqghod ghall- gurisdizzjoni tal-qorti.*

Imbaghad l-**<u>Art 742(2)</u>** ighid :-

*Il-gurisdizzjoni tal-qrati ta` kompetenza civili mhijiex eskluza mill-fatt li qorti barranija tkun qeghda tittratta l-istess kawza jew kawza li ghandha x`taqsam maghha. Meta qorti barranija jkollha gurisdizzjoni konkorrenti, il-qrati jistghu fid-diskrezzjoni taghhom, jilliberaw lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju jew iwaqqfu l-procedimenti f`kaz li l-azzjoni, jekk titkompla Malta, tkun vessatorja, oppressiva jew ingusta ghall-konvenut.*

Dwar l-**<u>Art 742(1)(a) u (b)</u>** kien ritenut mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tas-6 ta` April 1992 fil-kawza "**<u>Fenech noe vs Clark</u>**" illi l-kriterju mhuwiex daqstant ic-cittadinanza izda d-domicilju tal-konvenut.

Skont id-dritt internazzjonali privat, hemm zewg tipi ta` domicilju u cioe` d-domicilju ta` l-origini (*"domicilel of origin"*) u d-domicilju ta` l-ghazla (*"domicile of choice"*).

L-awturi Cheshire and North fil-pag 139 tal-ktieb "**<u>Private International Law</u>**" ($12^{th}$ Edition – Butterworths) ighidu :-

*"the domicile of origin that is communicated by operation of law to each person at birth i.e. the domicile of his father or his mother, according he is legitimate or illegitimate ; and the domicile of choice which every person of full age is free to acquire in substitution for that which he at present possesses."*

Id-domicilju ta` l-origini jista` b`ghazla tal-persuna jigi sostitwit bid-domicilju ta` l-ghazla.

Il-bazi tad-domicilju ta` l-ghazla hija ndentifikabbli fir-residenza u fl-intenzjoni.

Ighidu Cheshire and North fil-pag 142 ta` "**<u>Private International Law</u>**" (op. cit.) :-

*"The two requisites for the acquisition of a fresh domicile are residence and intention. It must be proved that the person in question established the residence in a certain country with the intention of remaining there permanently …*

*These two elements of residence and intention must concur, but this is not to say that there need be unity of time in their concurrence. The intention may either precede or succeed the establishment of the residence. The emigrant forms his intention before he leaves … the émigré who flees from persecution may not form it until years later."*

**Ir-residenza** -

Ighidu **Cheshire and North** (op. cit.) pag 142 :-

*"Residence in a country for the purposes of the law of domicile is physical presence in that country as an inhabitant of it. [IRC v Duchess of Portland (1982) Ch 314 at 318-319]"*

Id-durata tar-residenza mhijiex l-uniku kriterju li tikkostitwixxi prova tad-domicilju.

L-essenzjali huwa li flimkien mar-residenza, kemm jekk qasira kif ukoll jekk *di lunga durata,* ikun hemm l-intenzjoni li l-post tar-residenza jsir *one`s permanent home.*

Ikomplu jghidu **Cheshire and North** (op. cit.) fil-pag 142 u 143 :-

*"Whatever weight is given to the length of residence it is undeniable that time is not the sole criterion of domicile. Long residence does not constitute nor does brief residence negative domicile. Everything depends on the attendant circumstances, for they alone disclose the nature of the person`s presence in a country …*

*Thus in Jopp v Wood, it was held that a residence of twenty-five years in India did not suffice to give a certain John Smith an Indian domicile because of his alleged intention ultimately to return to Scotland, the land of his birth …*

*Conversely brevity of residence is no obstacle to the acquisition of a domicile if the necessary intention exists. If a man clearly intends to live in another country permanently, as for example, where an emigrant, having wound up his affairs in the country of his origin, flies off with his wife and family to Australia, his mere arrival there will satisfy the element of residence."*

**L-intenzjoni** –

Sabiex ikun sodisfatt l-element formali ta` l-intenzjoni, trid issir il-prova illi kien hemm intenzjoni tal-*propositus* li joqghod b`mod permanenti fit-territorju fejn kien qed jirrisjedi.

Ighidu **Cheshire and North** (op. cit.) fil-pag. 144 –

*"As has already been mentioned, the acquisition of a domicile of choice requires an intention by the propositus to remain permanently in the territory in which he resides. This is not difficult to understand if the word 'permanent' is used in its correct sense as signifying the opposite of 'temporary'. According to the Shorter Oxford English Dictionary, it means 'lasting or designed to last indefinitely without change', and this indeed is the definition that most of the judges have recognized when required to consider the nature of the intention necessary for a change of domicile. In 'Udny v Udny', for instance, Lord Westbury described the intention as being one to reside 'for an unlimited time'. A more modern statement to the same effect is that of Scarman J who referred to an intention to reside indefinitely."*

Inoltre trid issir il-prova illi f`certu punt ta` hajtu, il-*propositus* kellu intenzjoni li jghix go` pajjiz partikolari :

*"The traditional statement that there must be a present intention of permanent residence merely means that so far as the mind of the person at the relevant time was concerned he possessed the requisite intention. The relevant time varies with the nature of the inquiry. It may be past or present. If for example, the inquiry relates to the domicile of a deceased person, It must be ascertained whether at some period in his life he had formed and retained a fixed and settled intention of residence in a given country. Once this is established, evidence of his subsequent fluctuations of opinion as to whether he would not move elsewhere will be ignored."* (**Cheshire and North** – op. cit. – pag 147 -148)

L-istess awturi (op. cit. pag 148-149) jispjegaw ukoll illi r-rekwizit tal-intenzjoni jkun sodisfacentement ippruvat billi titqies kull grajja li ssehh fil-hajja ta` persuna :-

*"It is impossible to lay down any positive rule with respect to the evidence necessary to prove intention. All that can be said is that every conceivable event and incident in a man`s life is a relevant and an admissible indication of his state of mind. It may be necessary to examine the history of his life with the most scrupulous care, and to resort even to hearsay evidence where the question concerns the domicile that a person, now deceased, possessed in his lifetime. Nothing must be overlooked that might possibly show the place which he regarded as his permanent home at the relevant time. No fact is too trifiling to merit consideration …*

*However, undue stress must not be laid on any single fact, however impressive it may appear when viewed out of its context, for its importance as a determining factor may well be minimized when considered in the light of other quantifying events. Again no one fact is of constant value, for every case varies in its circumstances, and what is of decisive importance in one may be of little weight in another."*

Dawn il-principji kienu favorevolment iccitati fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri fit-8 ta` Ottubru 2010 fil-kawza "**Aquilina noe et vs Sultana**".

Riassunt tal-gurisprudenza taghna hija riportata fis-sentenza ta` din il-Qorti tal-5 ta` Ottubru, 2011 fil-kawza "**Xerri pro et noe vs Sladden noe et**" fejn inghad :-

*"Dwar l-aspett ta` domicilju hemm id-domicilju ta` l-origini u dak ta` l-ghazla. Id-domicilju ta` l-origini jibqa` jissussisti sakemm ma jigix akkwistat domicilju gdid, liema domicilju gdid jigi akkwistat permezz ta` zewg rekwiziti, u cioe` rresidenza f`pajjiz kif ukoll l-intenzjoni tal-persuna u cioe` li tibqa` fil-pajjiz il-gdid b`mod permanenti. Ma hemm ebda ordni kronologika ta` dawn iz-zewg elementi u wahda tista` tipprecedi jew tissuccedi l-ohra. It-tul tar-residenza mhux kriterju konklussiv ghax iridu jitqiesu c-cirkostanzi kollha relevanti biex temergi l-konkluzjoni tad-tibdil o meno tad-domicilju.*

*It-tieni element, u cioe` dak ta` l-intenzjoni, jabbraccja zewg principji u cioe` n-natura ta` l-intenzjoni u l-evidenza ta` tali intenzjoni. In-natura ghandha tkun tali li f`mohh il-persuna jkun hemm l-intenzjoni ta` residenza permanenti (**Udny vs Udny**, 1896). L-evidenza ta` l-intenzjoni tigi manifestata minn pregudizzji, religjon, sahha, impulsi, imhabbiet, kondotta, aspettattivi finanzjarji u elementi ohra, liema indizji ta` l-intenzjoni tal-persuna jwasslu ghall-evidenza ta` l-intenzjoni taghha dwar l-aspett ta` domicilju.*

*L-intenzjoni tal-bdil ta` domicilju tista` temergi min-nuqqas ta` animus manendi, ossija l-intenzjoni li wiehed jibqa` f`pajjiz jew ghall-kuntrarju mill-animus non redeundi, ossija l-intenzjoni li wiehed ma jirritornax lejn id-domicilju precedenti … Fil-kawza **Mary Debattista vs George Debattista,** Appell, 16/10/1961, (XLV.i.318) inghad :*

*'Bhala regola jidher li hu principju affermat diversi drabi mill-Qrati Taghna illi l-Malti li jemigra, avolja jdum hafna zmien, ma jitlefx id-domicilju tal-origini tieghu meta jkun mar ghax-xoghol, anke jekk jiehu l-familja mieghu, sakemm ma jkunx hemm provi precizi li huwa ma ghandux ebda intenzjoni li jigi lura …'*

*Infatti, anke l-akkwist ta` proprjeta` immobbli barra minn Malta u kuntrattazzjoni ta` zwieg barra minn Malta ma humiex bizzejjed biex wiehed jitlef id-domicilju originali - ara f`dan ir-rigward **Virginia Fenech vs Avukat Dr. Giuseppe Borg Olivier et noe**, Prim`Awla 07/09/1964 (XLVIII.ii.1147). Rinunzja ghal domicilju jrid jirrizulta minn cirkostanzi gravi, precizi u konkordanti, ara **Carmela Frendo vs Dr. Rene` Cremona et noe**, (Prim`Awla 21/04/1961 - XLV.ii. 623). Bl-istess mod, il-permanenza, anke ghal zmien twil hafna, mhux bizzejjed minnu nnifsu biex jikkostitwixxi prova ta` l-intenzjoni li*

*wiehed jichad id-domicilju ta` origini tieghu - ara **Romeo Sammut noe vs Dr. Emmanuele Albanese et noe**, Qorti tal-Kummerc 17/02/1936 (XXIX.iii.232), **Achille Dagata vs Marchesa Luisa Drago**, Prim`Awla 16/06/1884, u **Alfred Cassar vs Dr. Gerald Montanaro Gauci**, Prim`Awla, 3/12/1962, (XLVI.ii. 727).*

*Tibdil f`domicilju jrid jirrizulta minn provi cari konklusivi li persuna ma kellhiex l-intenzjoni li tirritorna lura. Domicilju ta` l-origini jibqa` jsehh sakemm ma jigix assunt domicilju iehor, u ghalhekk li persuna ma tirritornax lura izjed fid-domicilju precedenti b`mod permanenti. Irid jirrizulta li l-persuna ma kellhiex l-intenzjoni li tirritorna u li anzi kellha l-intenzjoni tistabbilixxi ruhha fil-post il-gdid. Fil-kawza **Lepre vs Dr. Joseph Tabone Adami noe**, Prim`Awla 28/3/1960, (XLIV.ii.576), gie ikkwotat Halsbury fejn inghad :*

*'every person at birth becomes a member both of a political and of a civili society. The former determines his political status or nationality, on which depends his allegiance to a sovwereign; the latter governs the latter determines his civil status. This means that the law which governs the civil society into which he is born, the law of his domicil of origin, is attached to his person and remains so attached wherever he goes, unless and until he ceases to be a member of that society, or changing hi domicil; upon which the law of the new domicil becomes attached to him in the same manner (Laws of England, Vol. VI, no. 242, Hailsham Edition)'.*

Tenut kont tal-fattispece tal-kawza tal-lum, punt rilevanti li kien trattat mill-Qorti ta` l-Appell fis-sentenza li tat fit-8 ta` Jannar 2003 fil-kawza "**Harvey vs Caruana Galizia noe**" kien illi sabiex tkun stabbilita l-gurisdizzjoni, il-*punctum temporis* huwa d-data tal-prezentata tac-citazzjoni. Madanakollu l-Qorti xorta wahda jkollha gursidizzjoni jekk il-konvenut ikun agixxa llegalment sabiex inezza` lill-Qorti mill-gurisdizzjoni:

*"L-appellant konvenut pero` ma jieqafx biss fuq sottomissjonijiet teoretici imma jadduci bhala raguni ulterjuri ghac-cahda tat-talbiet attrici fuq bazi ta` nullita` billi allega li wara kollox fil-mument li gew istitwiti l-kawzi huwa kien assenti minn Malta. Dan hu punt ta` certa validita` ghax kif tajjeb jelabora l-Avukat Ludvic Caruana fit-tezi dottorali tieghu (ara "Jurisdiction of the Courts in Private International Law – A comparative study", University of Malta, 997, pag. 60) hu u jikkummenta fuq id-decizjoni "Busuttil – vs – Haas" (1979) :-*

*'In this case the Court also reaffirmed that normally the relevant point in time could be the moment when the writ was filed' imma b`dan li, 'but it laid that here the defendant had acted illegally to defraud the Court out of its jurisdiction, and it stated that in this case it had jurisdiction'.*

Fil-kaz tal-lum, skont il-konvenut, huwa qatt ma akkwista d-domicilju tieghu gewwa Malta, peress li huwa kien domiciljat ir-Renju Unit bejn l-1973

sal-1992. Hemm izzewweg u ghex sakemm gie Malta fl-1992. Ghex Malta ghaxar snin sakemm mar jghix il-Libja.

Il-Qorti ma tirriskontra l-ebda prova tad-domicilju tal-konvenut.

Isemmi dan it-taghrif fin-nota ta` osservazzjonijiet tieghu – mhux jaghmel prova.

Mhuwiex kontestat illi l-konvenut huwa cittadin ta` Malta.

**Fil-fehma ta` din il-Qorti, irrizulta ppruvat illi l-konvenut huwa domiciljat Malta mhux il-Libja.**

Dwar l-element materjali u fattwali tar-residenza, jirrizulta li mart il-konvenut, u hija wkoll konvenuta fil-kawza, hija residenti Malta.

Jirrizulta li d-dar taz-zwieg tal-konjugi Rizzo tinsab Malta.

Fil-kuntratt tas-separazzjoni tal-beni tat-8 ta` Marzu 2013 fl-atti tan-Nutar Anne Marie Tonna, jinghad illi l-fond matrimonjali, ghalkemm kien assenjat lill-mara, kellu jibqa` jikkostitwixxi d-dar taz-zwieg tal-konjugi Rizzo, b`dan illi l-konvenut irriserva favur tieghu l-uzufrutt tal-istess fond. Il-Qorti ssib difficli kif jista` jsir argument sostenibbli illi l-konvenut huwa domiciljat il-Libja filwaqt li l-mara tieghu – li minnha mhuwiex separat de facto jew de jure – tirrisjedi Malta.

Lanqas ma jista` l-konvenut jistrieh fuq il-fatt li huwa ghamel zmien twil jahdem il-Libja. Kif gia` nghad, it-tul tar-residenza go post kif ukoll il-fatt li persuna tahdem barra minn pajjizha mhux kriterju konklussiv fid-determinazzjoni tad-domicilju peress li biex isir bdil fid-domicilju ta` persuna, iridu jitqiesu c-cirkostanzi kollha. Dwar ir-residenza tal-konvenut, ma ngabet l-ebda prova li din ghadha effettivament fil-Libja. Ma tressqu l-ebda provi dwar fejn jirrisjedi l-konvenut fil-Libja u jekk effettivament ghandux xi proprjeta` li akkwista f`ismu jew ghandhux favur tieghu xi ftehim ta` lokazzjoni jew ftehim ta` natura ohra li jirrigwarda l-post ta` residenza tieghu. Ghal kuntrarju, mill-provi in atti, jirrizulta mill-kuntratt ippubblikat min-Nutar Anne Marie Tonna fit-8 ta` Marzu 2013 illi l-konvenut iddikjara li huwa residenti l-Iklin, Malta.

Skont ix-xiehda ta` Alfred Pisani, irrizulta li wara t-terminazzjoni ta` l-impjieg tal-konvenut fl-2012, huwa ra lill-konvenut b`mod regolari fid-dar taz-zwieg tieghu, liema sar tinsab faccata tad-dar ta` residenza tieghu.

Dwar l-element formali tal-intenzjoni, din il-Qorti hija tal-fehma li ma kienx ippruvat illi kienet l-intenzjoni tal-konvenut li jaghmel mil-Libja *his permanent home.*

Ghalkemm il-konvenut xehed illi ma kellux l-intenzjoni illi jirriloka lejn Malta (*I don`t` have any intentions to relocate in Malta, it is not in my plan to relocate in Malta … in my current plan to relocate in Malta now* – fol 623) madanakollu l-konvenut baqa` jircievi l-paga tieghu bl-Ewro go kont ta` bank Malti gewwa Malta fil-munita Ewro filwaqt li baqa` jiricievi l-*payslip* tieghu fl-indirizz tad-dar taz-zwieg tieghu gewwa l-Iklin Malta.

Irrizulta li l-konvenut kien jinghata l-beneficcji regolati mil-ligijiet ta` Malta u kien in fatti registrata mal-Korporazzjoni Xoghol u Tahrig bhala *Maltese registered employee.* Il-konvenut ibbenefika minn rata ta` taxxa ta` 15% applikabbli ghal persuni li huma residenti Malta ghal finijiet ta` taxxa izda li dahlu f`impjieg ma` entita` Maltija sabiex iwettqu xoghol barra minn Malta. Barra minn hekk, irrizulta wkoll li l-konvenut kien baqa` jhallas Malta l-kontribuzzjoni tas-sigurta` socjali skont is-salarju percepit b`rata ta` *self*-employed u dana sabiex a beneficcju tieghu stess, ma jkunx hemm interruzzjoni fil-kontribuzzjonijiet tieghu tas-sigurta` socjali go Malta.

Irrizulta inoltre anke mill-kuntratt ta` separazzjoni ta` l-beni fuq riferit illi l-konvenut zamm kontijiet bankarji f`ismu, fatti anke dawn li jkomplu jsostnu d-domiclju Malti tal-konvenut.

Ir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici jew tal-Corinthia Group xehdu li l-konvenut kien talab li jinghata aktar granet ta` *vacation leave* kif ukoll kien hemm okkazjoni fejn talab li jinghata xoghol gewwa Malta. Il-konvenut cahad dan billi sostna li meta kien offrut kariga li kienet tirrikjedi li huwa jkun ibbazat Malta, huwa rrifjuta l-kariga. Madanakollu din il-Qorti hija tal-fehma li r-ragunijiet ghal dan ir-rifjut setghu kienu diversi, fost ohrajn li l-kondizzjonijiet u termini offruti ma kinux joghgbu lill-konvenut daqs il-kondizzjonijiet u termini tal-kariga li kellu. Il-Qorti taghti affidament lix-xiehda tar-rapprezentanti tal-Corinthia Group fosthom Alfred Pisani u Gerald Borg fejn dan ta` l-ahhar sa anke spjega li l-laqghat tal-bord tad-diretturi kienu jsiru nhar ta` Hamis sabiex jakkomodaw ix-xewqat tal-konvenut li kien jigi Malta ghal-laqgha u jibqa` Malta ghall-*weekend.* Mill-banda l-ohra, minkejja x-xiehda tieghu li huwa kellu l-intenzjoni li jibqa` l-Libja, il-konvenut ma ressaq l-ebda persuna sabiex jipprova l-intenzjoni tieghu – **lanqas lill-mara tieghu stess**. Ix-xiehda tal-konvenut kienet kontradetta mill-bqija tax-xhieda li ddeponew fil-kawza tal-lum.

Il-Qorti tosserva li l-konvenut ipprova jimminimizza l-effett ta` dan in-nuqqas tieghu billi ghamel referenza ghal sentenzi fejn gie stabbilit li meta xhud ma jkunx soggett ghal kontroezami, dak ikun ifisser illi x-xiehda ta` dik il-persuna tkun qeghda tigi accettata u b`hekk dak mistqarr fl-ezami ghandu jitqies bhala korrett u ppruvat.

Il-Qorti ma tarax li, tenut kont tac-cirkostanzi ta` dan il-kaz, bil-fatt li l-konvenut ma kienx kontroezaminat, allura b`daqshekk saret prova sufficjenti li tissoddisfa l-vot tal-ligi illi l-konvenut kellu l-intenzjoni li jkollu d-domicilju tieghu fil-Libja.

Il-Qorti hija sodisfatta abbazi tal-assjem tal-provi akkwiziti illi meta saret din il-kawza u anke fil-kors taghha, id-domicilju ta` l-ghazla tal-konvenut baqa` l-istess bhad-domicilju ta` l-origini tieghu u cioe` Malta.

**Ghalhekk il-Qorti ghandha gurisdizzjoni li tisma` u tiddeciedi din il-kawza abbazi tal-Art 742(1)(a) tal-Kap 12. Accertata l-gurisdizzjoni taghha skont din id-disposizzjoni, ma hemmx htiega ghal din il-Qorti li tkompli bl-analizi tad-disposizzjonijiet l-ohra tal-Art 742.**

Fuq nota finali, il-fatt li l-konvenut beda proceduri gudizzjarji fil-Libja, li huma simili jew identici ghal dawk pendenti quddiem it-Tribunal Industrijali ta` Malta, ma jfissirx li l-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin hija eskluza.

Dana qed jinghad in vista ta` l-Art 742(2) tal-Kap 12 fejn hemm dikjarat li l-gurisdizzjoni tal-qrati ta` kompetenza civili mhijiex eskluza bil-fatt li qorti barranija tkun qeghda tittratta l-istess kawza jew kawza li ghandha x`taqsam maghha.

Taghmel referenza ghas-sentenza ta` din il-Qorti tal-11 ta` Gunju 2013 fil-kawza "**<u>Grima noe vs Monet Limited et</u>**" fejn inghad :-

*"Illi dwar il-kwestjoni tal-inkompetenza tal-Qrati ordinarji minhabba deroga mahluqa b`rizultat ta` kompetenza konkorrenti ta` xi qorti f`gurisdizzjoni ohra, il-ligi tal-Procedura tistabilixxi li l-fatt wahdu li jkun hemm qorti ohra barranija li jkollha gurisdizzjoni konkorrenti ma jeskludix minn qabel il-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin. Jidher li dak l-artikolu japplika fejn ikun hemm diga` kawza dwar l-istess haga jew konnessa maghha li qeghda tinstama` minn qorti barranija. Jekk ma jkunx hemm kawza bhal dik diga` mibdija, jidher li s-setgha li Qorti Maltija tqis u tisma` l-kawza tiddependi mill-kriterji li*

*normalment isejsu l-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin skond l-artikolu 742(1) tal-Kap 12."*

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, tiddikjara li ghandha gurisdizzjoni sabiex tisma` u tiddeciedi din il-kawza, u ghalhekk tordna l-prosegwiment tal-kawza. L-ispejjez ta` din is-sentenza jithallsu mill-konvenuti.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Abigail Camilleri**
**Deputat Registratur**